MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Numru. 839/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

**vs**

**Sean Mckeown**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Sean Mckeown, bin il-mejjet William u Margaret nee' Borg imwieled Attard fit-22 ta' Dicembru 1973 u residenti 'Marliam Hse', Pope John 23rd Street, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' numru 107174(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-11 ta' Awwissu 2009 ghal habta tal-11.30am., waqt li kien fuq il-bajja maghruf bhala 'Bognor', Bugibba/Qawra

kkommetta serq ta’ mobajl tal-marka I Phone li l-valur tieghu jammonta ghal 800 Euro kif ukoll wallet li kien fih madwar 150 jew 170 Euro, liema serq hu ggravat bil-valur u dan ghad-dannu ta’ Hemmind Bethell.

Fis-16 ta’ Awwissu, 2009 ghal habta tal-11.30am., waqt li kien fuq l-istess bajja fuq imsemmija kkommetta serq ta’ basket li kien fih kamera tar-ritratti, arloggi, flus kif ukoll oggetti ohra li l-valur taghhom jammonta ghal aktar minn 233 Euro izda inqas minn 2,329 Euro, liema serq hu ggravat bil-valur u dan ghad-dannu ta’ Michaela Holcova.

Din l-Onorabbli Qorti kienet mitluba sabiex titratta lill-imsemmi mputat bhala recediv peress li kien diga’ nstab hati minn din l-istess qorti ta’ delitti ta’ serq kif ukoll ta’ delitti ohra li huma difenittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ Awwissu 2009 (esebit *a folio* 21 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-17 ta’ Awwissu 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta’ serq li sar f’zewg okkazzjonijiet separati, u cioe’ serqa tal-11 ta’ Awissu 2009 ghall-habta tal-11.30am mill-bajja tal-Bognor, Bugibba fejn insterqu mobile phone tal-marka I-Phone li kellu valur ta’ madwar €800 kif ukoll wallet li kien fih madwar €170 liema serq sar ghad-detriment ta’ Hennind Bethell u serqa ohra li saret mill-istess bajja izda din id-darba fis-16 ta’ Awwissu 2009 ghall-habta tal-

11.30am fejn insteraq baskett li kien jappartjeni lil Michalea Holcova u liema baskett kien fih camera tar-ritratti u arlogg u xi affarijiet ohra li l-valur taghhom kien aktar minn €233 izda anqas minn €2329. Dwar l-ewwel serqa, u cioe' dik tal-11 ta' Awwissu 2009, jinghad mill-ewwel li l-Prosekuzzjoni naqset li ggib provi sal-grad rikjest mill-ligi li jindikaw li kien l-imputat il-persuna li effetwa din is-serqa. Ghalkemm giet prezentata l-okkorrenza relattiva[1] la ttella' l-vittma bhala xhud sabiex jiddentifika lill-imputat bhala l-persuna li ra jehodlu il-mobile phone u l-wallet mnn fuq il-bajja waqt li kien qed jghum u l-anqas ingabet prova ohra li tindika lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat il-persuna li seraq l-imsemmija oggetti. Mill-provi rrizulta biss li meta l-imputat ittiehed l-Ghassa meta saret it-tieni serqa, u cioe' dik tas-16 ta' Awwissu 2009 dahal il-vittma tal-ewwel serqa u gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien seraqlu l-affarijiet izda l-istess vittma qatt ma tela' jixhed f'dawn il-proceduri sabiex jikkonferma dan kollu u ghalhekk il-Qorti jidrilha li l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-istess haga ma tistghax tinghad in kwantu jirrigwarda it-tieni imputazzjoni stante li ghat-tieni serqa mhux biss telghat tixhed il-vittma Michaela Holcova, li xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Awwissu 2009 fejn identifikat lill-imputat bhala l-persuna li rat jiehu l-baskett taghha minn taht is-sunbed waqt li hija nizlet tghum hija qalet li meta bdiet tghajjat u telghat tigri mill-bahar l-imputat telaq jigri u waddab il-baskett mal-art u gie imbaghad imwaqqaf minn ragel li kien niezel it-tarag li jwassal ghal fuq il-bajja, izda anki minn PC1329 Anthony Falzon[2] li kien il-persuna li kien niezel it-tarag tal-bajja ghaliex kien ra lill-istess imputat qed idur b'mod suspettuz fuq il-bajja. Irid jigi rilevat li l-istess imputat meta rrilaxxja l-istqarrija nserita a fol. 22 sa 24 tal-atti processwali ikkonferma li kien prova jisraq il-baskett ta' Holcova fis-16

[1] Inserit a fol. 25 sa 27 tal-atti processwali

[2] Li xehed waqt l-udjenza tal-21 ta' Awwissu 2009 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2011

ta' Awwissu 2009 izda cahad kategorikament li kellu x'jaqsam mas-serqa li saret fil-11 ta' Awwissu 2009. Il-Qorti jidrilha li l-provi jindikaw li l-imputat ghandu jinstab hati ta' attentat ta' serq ghaliex ghalkemm kien hemm bidu tal-ezekuzzjoni tad-delitt fejn l-imputat ha l-baskett minn taht is-sunbed u mexa fit passi bih, rrizulta wkoll li huwa telaq il-baskett immedjatament minn idejh u tefghu mal-art malli sema l-ghajjat tal-propjetarja u ghalhekk jirrizulta li kien hemm attentat ta' serq li ma sehhx minhabba xi haga li kienet indipendenti mill-volonta' tal-imputat.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kkommetta reati simili ghal dak li huwa qed jinstab hati u jidher li ghalkemm huwa inghata l-opportunita' sabiex jirriforma ruhu huwa m'gharafx jaqbad it-triq it-tajba u l-Qorti jidrilha ghalhekk li ghandha timponi piena karcerarja effettiva. Irid jinghad izda li l-addebitu tar-recidiva ma giex pruvat stante li ma gewx esebiti s-sentenzi relattivi u ghalhekk il-Qorti mhux ser tgholli l-piena bi grad jew tnejn.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 261, 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hames(5) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------